MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 503/2001/1

**Globe Insurance Brokers Ltd.**
**vs.**
**H. Vassallo & Sons Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici ippremettiet u talbet hekk:

Billi s-socjeta' konvenuta hija debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici ghar-rigward ta' *premiums* dwar *motor policy* bin-numru 054216 u *business insurance policy* bin-numru 12436 mahruga mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Billi l-premium relattiva ghal dawn il-poloz huwa ta' elf erba mija sbatax il-lira u wiehed u disghin centezmi (Lm1417.91).

Billi debitament interpellata sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex din l-Onor Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm 1417.19.
2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas Lm 1417.19 lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' konvenuta qatt ma nkarigat jew taght il-kunsens lis-socjeta' attrici sabiex tohrog u/jew thallas xi *business policy* favur taghha.
2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' attrici qatt ma talbet il-kunsens u/jew l-awtorizazzjoni tas-socjeta' konvenuta sabiex thallas il-*premium* tal-*business policy* in kwistjoni.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti tal-kawza;
Semghet provi bil-gurament;
Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat

Kwadru tal-fatti
Illi s-socjeta' attrici qeda tippretendi minghand il-konvenuti il-hlas tas-somma ta' Lm1,417.91[1] rapprezentanti ammont ta' insurance premiums allegatament mhallsa lis-socejta'

[1] Dok.G Fol.24

Atlas Insurance fuq inkariku tal-istess socjeta' konvenuta. Minn naha taghha din ta' l-ahhar qed issostni li s-socejta' attrici ma kellha ebda inkariku jew awtorizzazzjoni sabiex thallas dawn il-premiums.

Mill-assiem tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi s-socjeta' attrici fil-funzjoni taghha ta' broker kienet dahlet permezz tad-Direttur Kevin Galea Pace f' diskussjoni mas-socjeta' konvenuta rapprezentata minn Antoine Vassallo u ntlaqah ftehim bejniethom fis-sens li s-socjeta' attrici kellha tezamina l-insurance policies tas-socejta' konvenuta bil-ghan li tikseb kondizzjonijet, u senjatament, premiums aktar favorevoli. Jidher ukoll li s-socjeta' konvenuta, f' dak iz-zmien kienet ghaddejja minn sitawazzjoni finanzjarja difficli u ghalhekk kienet accettat li ssir revizjoni tal-poloz ghal dan il-ghan.

Illi konsegwentement fuq talba tas-socjeta' attrici, l-imsemmi Antoine Vassallo kiteb ittra datata 12 ta' Frar 1999 lill-istess socjeta' "to confirm that we have appointed Globe Insurance Brokers Ltd. to act as our official Brokers on all insurance accounts".[2]

Illi sussegwentement l-imsemmi Kevin Galea Pace kiteb ittra datata 29 ta' Ottubru 1999 lil Antoine Vassallo, fejn bazikament informah li rizultat ta' revizjoni tal-poloz, il-premium relattiv ghall-polza tal-business insurance kienet ser tonqos bl-ammont ta' circa Lm300, u talbu "As your policies are due for renewal on the 1st November I would appreciate it, if you would give this matter your urgent attention".[3]

Illi fuq dawn il-fatti jidher li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet, kif lanqas ma huwa kontestat li ma ntbaghtet ebda awtorizzazjoni bil-miktub minn naha tas-socjeta' konvenuta ghall-ahhar ittra tas-socjeta' attrici.

Illi l-punt in kontestazzjoni jinsab f' dan l-istadju; ghax, filwaqt li Antoine Vassallo qed isostni li s-socejta'

[2] Dok.A Fol.15
[3] Dok.C Fol.17

konvenuta qatt ma kienet awtorizzat lill-attrici sabiex thallas il-premium indikat fl-isemmija ittra, is-socjeta' attrici minn naha taghha qed issostni li kien hemm awtorizzazzjoni verbali minn naha ta' Antoine Vassallo fid-diversi laqghat li dan kellu ma Galea Pace fuq is-suggett. Minn naha tieghu Antoine Vassallo cahad li hu kien ta xi inkarigu jew ikkonsenta ghall-hlas tal-premiums tal-business insurance.

Fix-xhieda tieghu Antoine Vassallo spjega li huwa kien ta' l-kunsens biss u limitatament ghall-hlas tal-premium fuq il-vettura GAJ 437 u fil-fatt kien baghat bank draft ta' Lm158.96 biex ikopri l-assikurazzjoni ta' din il-vettura, skond statement mahrug mis-socejta' attrici.[4]

Fix-xhieda tieghu Salvino Mifsud Bonnici l-uniku xhud tas-socejta' attrici u Managing Director tal-istess, spjega li l-prova - li huma kellhom l-awtorizzazzjoni li jhallsu l-assikurazzjoni tal-business insurance wkoll, minbarra li kienet inghatat verbalment lill-imsemmi Kevin Galea Pace - tinsab wkoll konfermata bl-ittra fuq indikata tat-12 ta' Frar 1999, kif ukoll fl-ittra datata 10 ta' Marzu 2000 li maghha Antoine Vassallo kien baghat il-bank draft ta' Lm158.96 kif fuq indikat.

Din l-ittra taqra hekk: "Please find enclosed draft for Lm158.96 relative ta' Account no. H009. Balance will follow."[5]

Illi s-socjeta' attrici qed issostni li l-frasi "Balance will follow" fl-imsemmija ittra hija prova li Antoine Vassallo kien tahom l-awtorizzazzjoni sabiex ihallsu l-premiums kollha tas-socjeta' konvenuta u li dawn huma dovuti lill-attrici. Minn naha tieghu Antoine Vassallo spjega li dawk il-kliem kienu jrreferu biss ghal assikurazzjoni tal-vettura fuq indikata, u l-frasi "Balance will follow" kienet tirreferi ghal pendenza li kien hemm f' dak ir-rigward,u mhux ghall-premiums tal-business kif spjegat dettaljatament minnu fl-affidavit tieghu.[6]

---

4 Dok.AV5 Fol.97
5 Dok.Q Fol.54
6 Vide Affidavit Antoine Vassallo - para.7 Fol.89

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.
Illi bazikament il-vertenza li ghandha quddiemha din il-Qorti tirriduci ruhha ghad-determinazzjoni tal-fatt jekk s-socjeta' attrici kellhiex verament l-inkariku jew il-kunsens minn naha tal-konvenuta sabiex thallas il-premiums tal-assikurazzjoni tal-vetturi u tal-business. Rigward l-ewwel premiums, u cioe' tal-vetturi jidher li ma hemmx kontestazzjoni, u, kif jidher anke minn nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, dak li qed jigi kontestat jirriferi biss ghal "business policy". [7] U l-konflitt fil-provi proprju jirrisjedi fuq dan l-aspett.

Illi In tema legali jigi osservat li "huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.[8] Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.[9] Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili." [PA [NC] Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo et][10]

Illi fil-kaz in disamina, il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-importanza vitali ghas-success tal-pretensjoni attrici li tipprova l-awtorizzazzjoni sostna minnha, tispikka l-assenza tax-xhieda [jew almenu affidavit] tal-imsemmni Kevin Galea Pace li kien il-persuna li mieghu tratta Antoine Vassallo u li mieghu laqhaq fi ftehim. Ix-xhieda ta' Galea Pace sabiex in-naha attrici tipprova l-awtorizzazzjoni verbali li ssostni li kellha kienet vitali u

---

[7] Fol.7
[8] *App.Inf.**Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et*** – 22 ta' Novembru 2002
[9] *App.Civ. **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace**[1986] Vol.LXX.II.144*
[10] Deciza 28 April 2004

essenzjali, u n-nuqqas taghha f' dan ir-rigward jirrizulta fatali tenut kont tac-cahda da parti ta' Antoine Vassallo ta' dak sostnut mill-atturi f' dan ir-rigward - cahda li kienet cara mill-bidu nett kif jirrizulta minn nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u ghalhekk imputet sibi jekk l-attrici naqset f' din il-prova. Jigi rilevat li lanqas id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici ma saret minn Galea Pace.

In-nuqqas da parti tas-socejta' attrici li tipproduci lil dan ix-xhud jassumi aktar gravita' fid-dawl tal-fatt li l-uniku xhud tal-attrici, Salvino Mifsud Bonnici, ma kienx iddiskuta ma' Antoine Vassallo "Dom. - Mhux int iddiljajt mieghu. Res. - Le.Le. Ovvjament jiena qieghed nidher hawnhekk bhala Managing Director tal-kumpanija. Jigifieri jekk hemm bzonn jitla' jixhed il-kollega tieghi [Kevin Galea Pace]. Dan facilment jista' jaghmlu."[11] Minn din il-parti tax-xhieda jidher li ma kienx hemm xi ostakolu, legali jew fattwali, li kien jimpedixxi lil dan ix-xhud vitali milli jiddeponi u jikkonferma dak li jaf di scientia propria dwar it-trattattivi li kellu personalment ma' Antoine Vassallo; izda minnflok, is-socejta' attrici dehrilha li kellha tistrih fuq xhud li ma jaf xejn di scientia propria dwar l-awtorizzazzjoni minnu allegata, u li dak li xehed jikkostitwixxi detto del detto li, fl-assenza ta' raguni specjali, m' ghandux jigi accettat bhala prova sufficjenti minn din il-Qorti li ghandha, skond il-ligi, tesigi l-ahjar prova possibbli.

Illi rigward l-ittra tal-10 ta' Marzu 2000 u l-frasi Balance will follow, il-Qorti tosserva li l-ispejgazzjoni moghtija minn Antoine Vassallo, l-awtur tal-istess ittra, hija fic-cirkostanzi verosimili u logikament accettabbli. Permezz ta' dik l-ittra Antoine Vassallo baghat cheque, rapprezentanti l-premium tal-vettura GAJ 439, relattivament ghall-kont H009 li skond l-istatement datat 1 ta' Settembru 1999 jindika l-ammont ta' Lm158.96. Jigi osservat ukoll li l-imsemmija frasi, minghajr ebda kwalifika ulterjuri, ghandha tittiehed fil-kuntest tal-pagament li kien qed isir u cioe' tal-premium tal-motor policy u ma tistax tigi estiza ghall-premiums ohra li mhux indikati la fl-ittra u lanqas fl-imsemmi statement. Di fatti mill-provi jirrizulta li l-premium

[11] Fol.81

relattiv ghall-vettura BBH-489 ghadu pendenti u ghalhekk, in difett ta’ prova kuntrarja, hija lecita l-prezunzjoni li l-bilanc kien jirriferi ghal motor policy.

Illi in bazi ghall-premess il-Qorti hija tal-fehma li f’dan il-kaz l-atturi ma rnexxielhomx jipprovaw sodisfacentmenet li huma kellhom l-awtorizzazzjoni sabiex jhallsu l-premiums tal-assikurazzjoni fuq in-negozju, u ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma sostnuti.

Konsiderazzjoni ohra li timmilita kontra t-tesi attrici hija li, kif osservat ben tajjeb in-naha konvenuta, is-socjeta’ attrici ma gabet ebda prova biex turi li l-premiums kienu effettivament thallsu lis-socejta’ assikuratrici. Fic-cirkostanzi, din il-prova kienet mehtiega gjaladarba l-pretensjoni attrici hija bazata fuq il-“premium relattiva ghal dawn il-poloz”[12]

In fine huwa opportun li jigi rilevat li l-hlas tal-premium relattiv ghal “motor policy” ma giex kontestat u l-provi f’ dan ir-rigward juru li dan huwa dovut; izda mill-provi ma rrizultax l-ammont preciz li s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas f’ dan ir-rigward mis-somma indikata fic-citazzjoni, u ghalhekk fil-parti operattiva tas-sentenza qer issir riserva f’ dan is-sens.

Decide

Ghal dawn il-motivi ticcedidi billi, tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socejta’ konvenuta, u tichad it-talbiet attrici, salv ghall-ammont dovut lilha in linea ta’ premiums ghal motor policy. L-ispejjez jigu sapportati in kwantu ghal kwint [1/5] mis-socjeta’ konvenuta, u l-kumplament jibqghu a kariku tas-socejta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------

[12] Att tac-citazzjoni para 2 – Sottolinear tal-Qorti